DEPARTMENT OF ANATOMY
Faculty of Medicine & Surgery
University of Malta
Msida MSD 2080, Malta
Tel: +356 2340 3289
anatomy.ms@um.edu.mt
www.um.edu.mt/ms

**FORMOLA TA' KUNSENS SABIEX ISSIR DONAZZJONI**

Qabel ma timla din il-formola, jekk jogħġbok aqra l-formola 'Tagħrif għad-Donaturi'.

**Taqsima A:** Trid timtela mill-persuna li se tagħmel id-donazzjoni
Jekk jogħġbok imla b'ittri kbar

Isem: ______________________________________________________

Kunjom: ____________________________________________________

Indirizz: ________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________________

Kodiċi Postali: _____________________Numru tat-telefon:___________________________________

Data tat-twelid: ___________________ Reliġjon (jekk applikabbli): _____________________________

Nazzjonalita' : ______________________________________________________________________

Karta tal-identita' / Numru tal-passaport: ___________________________________________________

**Storja medika (fil-qosor):**

Jekk jogħġbok, fil-linji hawn taħt, niżżel l-istorja medika tieghek fil-qosor (tista' tipprovdi ittra ffirmata mit-tabib tal-familja tieghek). Importanti li kundizzjonijiet bħal mard gravi, infezzjonjiet kontaġjużi u serji, inċidenti jew feriti u l-operazzjonijiet kollha li għamilt, għandhom ikunu msemmija. M'hemmx ghalfejn issemmi mard komuni jew mard mhux gravi. Agħti d-dati ta' meta, bejn wieħed u ieħor, dħalt l-isptar, kif ukoll l-isem tal-isptar u l-ismijiet tat-tobba li ħadu ħsiebek. Din l-informazzjoni hija importanti fl-istudju u t' interess mediku jew kirurġiku.
Isem, indirizz, indirizz elettroniku u numru tat- telfown tat-Tabib tal-Familja / Tabib kuranti tiegħek:

______________________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________________________

**Dikjarazzjoni tal-Protezzjoni tad-Dejta:**

It-tagħrif ipprovdut f'din il-formola se jintuża mill-Università ta ' Malta għall-iskop imsemmi u fit-termini tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data [Kapitolu 440, Liġijiet ta' Malta].

Dikjarazzjoni li nixtieq inħalli l-katavru tiegħi wara mewti lid-Dipartiment tal-Anatomija, Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija, l-Universita' ta' Malta. Nifhem li dan jista ' jiġi wżat għal:

- Studju anatomiku
- Edukazzjoni u taħriġ fl-istudju tal-mediċina u kirurġija
- Riċerka xjentifika relatata ma' mard

***Jekk jogħġbok immarka kif tixtieq permezz ta'ċirku, u ingassa fejn ma jgħoddx għalik:***

1. Ma npoġġi l-ebda restrizzjoni fuq it-tul ta ' żmien li jista' jinżamm il-ġisem jew partijiet mill-ġisem tiegħi (jekk timmarka din il-kaxxa, mur dritt għall-għażla numru **3**; jekk le, ipproċedi għall-għażla numru **2**).

2. Il-katavru tiegħi jista ' jinżamm sa massimu ta' 3 snin biss (jekk jogħġbok agħżel jew **a** JEW **b** )
   **a.** Partijiet ta' ġismi jistgħu jinżammu għal aktar minn 3 snin;
   **JEW**
   **b**. L-ebda parti ta ' ġismi ma tista' tinżamm għal aktar minn 3 snin.

3. Naqbel sabiex jekk ikun hemm bżonn, jistgħu jittieħdu ritratti ta' ġismi jew partijiet ta' ġismi. Nifhem li mhux se jkun possibli li nkun b'xi mod nintgħaraf jew li l-identita' tiegħi tiġi magħrufa. Dawn l-immaġini jistgħu jinkludu (iżda mhumiex limitati għal) ritratti, skans u vidjows, u li se jintużaw għal:

- Edukazzjoni u taħriġ relatat mas-saħħa tal-bniedem u għall-istudju tal-mediċina u l-kirurġija;
- Riċerka xjentifika dwar mard

4. Qrajt u fhimt l-informazzjoni kollha li tinsab fl-ittra "Informazzjoni għad-Donaturi" .

5. Jienai nawtorizza l-Università ta' Malta tinforma lill-awtoritajiet kompetenti li għandhom bżonn ikunu jafu sabiex titwettaq din ix-xewqa tiegħi b'mod effiċenti. Jien ukoll qed ninkludi kopja tal-parti tat-testment tiegħi, jew dikjarazzjoni quddiem nutar. Madanakollu, jekk minħabba ċirkustanzi jew raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tiegħi, u b'kunsens mill-Kap tad-Dipartiment ta' l-Anatomija ta' l-Universita' ta Malta, ma nilħaqx, din id-dikjarazzjoni hawn iffirmata minni u minn xhud, għandha tkun biżżejjed bħala prova indipendenti tax-xewqa tiegħi li nagħti l-katavru tiegħi lill-Universita' ta' Malta għall-għanijiet msemmija.

6. Nifhem li, għal diversi raġunijiet, l-Università ta' Malta mhux bilfors taċċetta l-applikazzjoni tad-donazzjoni tal-katavru tiegħi. Ir-raġunijiet biex ma tiġix aċċettata din id-donazzjoni jinkludu (iżda mhux limitati għal): piż ta' aktar minn 120 kilo, infezzjoni serja kontaġjuża fil-ħin tal-mewt, jekk tkun se ssir awtopsja għall-investigazzjoni forensika u ċirkostanzi eċċezzjonali oħra li jiġu ttrattati individwalment b' konsultazzjoni mal-Kap attwali tad-Dipartiment tal-Anatomija fl-Università ta' Malta.

Firma: _______________________________________________ Data:_____________________

**Taqsima B**: **Dikjarazzjoni tax-Xhud (Firma tal-qarib)**

Nikkonferma li jien xhud ta': ______________________________________ (ikteb l-isem tad-donatur) jimla/timla Taqsima **A** ta' din il-formola.
Isem u Kunjom: ________________________________________________________________________
Indirizz: _____________________________________________________________________________
Kodiċi Postali:________________Kif tiġi mid-donatur:____________________________________
Karta tal-Identita' / Numru tal-passaport: ___________________________________________________
Firma: _________________________________________________________Data: __________________